Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

MT

17017/14
(OR. en)

PRESSE 664
PR CO 75

EŻITU TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL

It-3363 laqgħa tal-Kunsill

Ambjent

Brussell, 17 ta' Diċembru 2014

President **Is-Sur Gian Luca GALLETTI**
Ministru għall-Ambjent, il-Protezzjoni tar-Riżorsi Naturali u l-Baħar tal-Italja

L - I S T A M P A

Rue de la Loi 175 B – 1048 BRUSSELL Tel.: +32 (0)2 281 6319 Fax: +32 (0)2 281 8026
press.office@consilium.europa.eu http://www.consilium.europa.eu/press

Riżultati Prinċipali tal-Kunsill

Emissjonijiet ta' CO2 minn bastimenti
Il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar ir-regolament li jistabbilixxi regoli ġodda li japplikaw għall-UE kollha għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika tal-**emissjonijiet ta' CO2 minn bastimenti**. Il-Ministru għall-Ambjent Taljan u President tal-Kunsill, Gian Luca Galletti qal li "Ir-regoli l-ġodda dwar l-emissjonijiet ta' CO2 fit-trasport marittimu huma eżempju tal-protezzjoni effettiva tal-ambjent peress li ntlaħaq qbil dwar test li, għall-ewwel darba, jintroduċi sistema uniformi ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mis-settur tat-trasport marittimu. Barra minn hekk, għażilna proċeduri li jnaqqsu kemm jista' jkun il-piż għall-atturi u jippromwovu trasport marittimu effiċjenti."

Basktijiet tal-plastik
Il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar abbozz ta' direttiva biex jitnaqqas il-konsum ta' **basktijiet tal-plastik** ħfief. Ir-regoli l-ġodda għandhom l-għan li jillimitaw l-impatti ambjentali negattivi tal-iskart mill-basktijiet tal-plastik billi jħeġġu l-prevenzjoni tal-iskart u użu iktar effiċjenti tar-riżorsi.

Il-Ministru Galletti qal: "Illum il-Kunsill Ambjent ifformalizza qbil politiku sinifikanti bejn l-istituzzjonijiet tal-UE dwar it-tnaqqis tal-użu tal-basktijiet tal-plastik. B'din id-direttiva, l-UE tagħti lilha nnifisha strument importanti biex tavvanza lejn ekonomija ċirkolari. Ir-regoli l-ġodda jippermettu li jitnaqqas l-iskart, f'dan il-każ il-basktijiet tal-plastik ħfief, filwaqt li jippromwovu użu aktar effiċjenti tar-riżorsi u b'hekk għandhom impatt pożittiv fuq l-ekonomija."

Impjanti medji tal-kombustjoni
Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar abbozz ta' direttiva dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċerti sustanzi li jniġġsu l-arja minn **impjanti medji tal-kombustjoni**.

Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2015
Il-Kunsill indirizza l-avviżi reċenti tal-Kummissjoni dwar il-programm ta' ħidma tagħha għall-2015. Il-Kunsill enfasizza l-importanza li titkompla l-ħidma fuq il-**pakkett għall-ekonomija ċirkolari** u b'mod partikolari fuq ir-rieżami tal-iskart, abbażi tax-xogħol li sar s'issa. Il-Ministri saħqu wkoll li t-transizzjoni lejn ekonomija ċirkolari hija essenzjali biex tingħata spinta 'l quddiem lit-tkabbir u l-impjiegi. F'din l-okkażjoni, il-Kunsill enfasizza wkoll il-ħtieġa li titkompla l-ħidma fuq l-elementi kollha tal-**pakkett għall-arja nadifa.**

Tibdil fil-klima
Il-Kunsill ikkonferma qbil politiku dwar il-**pakkett ta' ratifika dwar l-emenda ta' Doha** bil-ħsieb li jippermetti r-ratifika u l-implimentazzjoni teknika tiegħu. Il-Ministru Galletti għadda l-kumment li ġej: "B'dan il-qbil li jniedi t-tieni sessjoni ta' impenji għall-Protokoll ta' Kjoto, l-Ewropa tibgħat sinjal ċar ta' unità u koeżjoni qabel il-Konferenza dwar it-Tibdil fil-Klima li ser issir f'Pariġi fl-2015. Bl-istess sens ta' responsabbiltà murija f'Lima, l-UE ser tkompli tippromwovi politiki li jindirizzaw it-tibdil fil-klima."

L-aġenda għal wara l-2015
Id-Direttur Eżekuttiv tal-UNEP, Achim Steiner, kien preżenti għad-diskussjonijiet tal-Kunsill dwar l-aktar żviluppi reċenti u l-prospetti għan-negozjati dwar l-**aġenda għal wara l-2015,** li għandha tiddefinixxi l-qafas globali ġdid għall-qerda tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli, li għandu jiġi adottat fis-summit tal-Assemblea Ġenerali tan-NU f'Settembru 2015.

WERREJ[1]

PARTEĊIPANTI .... Error! Bookmark not defined.

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

Monitoraġġ tal-emissjonijiet ta' CO2 minn bastimenti 7

Pakkett ta' ratifika dwar l-emenda ta' Doha 7

Basktijiet tal-plastik 8

Impjanti medji tal-kombustjoni 9

Aġenda għal wara l-2015 9

Affarijiet oħra 10

– Riżerva tal-istabbiltà tas-suq 10

– Laqgħat u avvenimenti internazzjonali reċenti ewlenin 10

– Karta ta' Ruma dwar il-Kapitali Naturali u Kulturali 11

– Kwistjonijiet ewlenin fil-politika dwar is-sustanzi kimiċi fit-triq lejn ambjent mhux tossiku 11

– Eliminazzjoni tal-mikroplastik fil-prodotti – ħtieġa urġenti 12

– Tifqigħa tal-marda tal-Leġġjunarji fil-Portugall 12

– Programm ta' ħidma tal-Presidenza Latvjana li jmiss 12

– Pakkett dwar l-iskart 13

[1]
- Meta dikjarazzjonijiet, konklużjonijiet jew riżoluzzjonijiet ikunu ġew adottati formalment mill-Kunsill, dan ikun indikat fl-intestatura tas-suġġett ikkonċernat u t-test jitqiegħed bejn il-virgoletti.
- Id-dokumenti li r-referenzi tagħhom jingħataw fit-test qegħdin fis-sit tal-Internet tal-Kunsill http://www.consilium.europa.eu.
- Atti adottati b'dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill li jkunu jistgħu jinħarġu għall-pubbliku huma indikati b'asterisk; dawn id-dikjarazzjonijiet qegħdin fuq is-sit tal-Internet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq jew jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Istampa.

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

AFFARIJIET BARRANIN

– Ftehim Ewro-Mediterranju — Tuneżija 14

– Ftehim Ewro-Mediterranju — Alġerija 14

– Ftehim Ewro-Mediterranju — Libanu 14

– Ftehim Ewro-Mediterranju — Marokk 14

AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

– Mekkaniżmu superviżorju uniku: Sanzjonijiet tal-BĊE 14

AFFARIJIET ĠENERALI

– Dazji tal-baċir fuq prodotti li ġejjin minn reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi 15

ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET INTERNI

– Sustanzi perikolużi — terroriżmu 15

– Glossarju ta' Terminoloġija tal-Armi tan-Nar 15

– Rapport finali dwar is-6 sessjoni ta' evalwazzjonijiet reċiproċi 15

POLITIKA TA' SIGURTÀ U TA' DIFIŻA KOMUNI

– EUPOL Afghanistan 16

– Aġenzija Ewropea għad-Difiża - Baġit 2015 16

KUMMERĊ

– Relazzjonijiet kummerċjali mal-Kenya 16

UNJONI DOGANALI

– Servizzi doganali elettroniċi 16

SUQ INTERN

– eCall: sistema ta' sejħa ta' emerġenza f'inċidenti tat-traffiku 17

– http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_Data/docs/pressdata/en/intm/146149.pdfTagħmir tal-gass 17

ĦATRIET

– Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew 18

PARTEĊIPANTI

Belġju:	
Is-Sinjura Céline FREMAULT	Ministru tal-Gvern tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali, responsabbli għad-Djar, il-Kwalità ta' Ħajja, l-Ambjent u l-Enerġija
Bulgarija:	
Is-Sinjura Ivelina VASSILEVA	Ministru għall-Ambjent u l-Ilma
Repubblika Ċeka:	
Is-Sur Richard BRABEC	Ministru għall-Ambjent
Danimarka:	
Is-Sinjura Kirsten BROSBØL	Ministru għall-Ambjent
Is-Sur Rasmus HELVEG PETERSEN	Ministru għall-Klima, l-Enerġija u l-Kostruzzjoni
Ġermanja:	
Is-Sur Jochen FLASBARTH	Segretarju tal-Istat, Ministeru Federali għall-Ambjent, il-Konservazzjoni tan-Natura, il-Bini u s-Sikurezza Nukleari
Estonja:	
Is-Sinjura Clyde KULL	Viċi Rappreżentant Permanenti
Irlanda:	
Is-Sur Tom HANNEY	Viċi Rappreżentant Permanenti
Greċja:	
Is-Sur Andreas PAPASTAVROU	Viċi Rappreżentant Permanenti
Spanja:	
Is-Sinjura Isabel GARCIA TEJERINA	Ministru għall-Agrikoltura, l-Ikel u l-Ambjent
Franza:	
Is-Sinjura Ségolène ROYAL	Ministru għall-Ekoloġija, l-Iżvilupp Sostenibbli u l-Enerġija
Kroazja	
Is-Sur Mihael ZMAJLOVIĆ	Ministru għall-Protezzjoni tal-Ambjent u n-Natura
Italja:	
Is-Sur Gianluca GALLETTI	Ministru għall-Ambjent, il-Protezzjoni tar-Riżorsi Naturali u l-Baħar
Ċipru:	
Is-Sur Nicos KOUYIALIS	Ministru għall-Agrikoltura, ir-Riżorsi Naturali u l-Ambjent
Latvja:	
Is-Sur Kaspars GERHARDS	Ministru għall-Protezzjoni Ambjentali u l-Iżvilupp Reġjonali
Il-Litwanja:	
Is-Sur Kęstutis TREČIOKAS	Ministru għall-Ambjent
Lussemburgu:	
Is-Sinjura Carole DIESCHBOURG	Ministru għall-Ambjent
Ungerija:	
Is-Sur István NAGY	Segretarju Parlamentari tal-Istat, Ministeru għall-Agrikoltura
Is-Sur Olivér VÁRHELYI	Viċi Rappreżentant Permanenti
Malta:	
Is-Sur Leo BRINCAT	Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima
Olanda:	
Is-Sinjura Wilma MANSVELD	Segretarju tal-Istat għall-Infrastruttura u l-Ambjent
Awstrija:	
Is-Sur Andrä RUPPRECHTER	Ministru Federali għall-Agrikoltura, il-Forestrija, l-Ambjent u l-Ġestjoni tal-Ilma

Polonja:	
Is-Sur Sebastian BARKOWSKI	Viċi Rappreżentant Permanenti
Portugall:	
Is-Sur Paulo LEMOS	Segretarju tal-Istat għall-Ambjent
Rumanija:	
Is-Sur Doina CATRINOIU	Sottosegretarju tal-Istat
Slovenja:	
Is-Sinjura Irena MAJCEN	Ministru għall-Ambjent u l-Ġestjoni tat-Territorju
Slovakkja:	
Is-Sur Ján ILAVSKÝ	Segretarju tal-Istat fil-Ministeru għall-Ambjent
Finlandja:	
Is-Sinjura Marianne HUUSKO-LAMPONEN	Viċi Rappreżentant Permanenti
Svezja:	
Is-Sinjura Yvonne RUWAIDA	Segretarju tal-Istat
Renju Unit:	
Is-Sur Dan ROGERSON	Sottosegretarju Parlamentari tal-Istat għall-Ilma, il-Forestrija, l-Affarijiet Rurali u l-Ġestjoni tar-Riżorsi
Is-Sinjura Amber RUDD	Sottosegretarju Parlamentari tal-Istat għat-Tibdil fil-Klima, Dipartiment tal-Enerġija u t-Tibdil fil-Klima

---

Kummissjoni:	
Is-Sur Karmenu VELLA	Membru
Is-Sur Miguel ARIAS CAÑETE	Membru
Is-Sur Neven MIMICA	Membru

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

Monitoraġġ tal-emissjonijiet ta' CO2 minn bastimenti

Il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar ir-regolament li jistabbilixxi regoli ġodda li japplikaw għall-UE kollha għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet ta' CO2 minn bastimenti.

Il-mekkaniżmu l-ġdid għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika tal-emissjonijiet ta' CO2 minn bastimenti huwa element importanti għall-implimentazzjoni tal-qafas tal-2030 u, fl-istess ħin, kontribuzzjoni għan-negozjati internazzjonali fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, immirati lejn sistema globali ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika.

Il-qbil politiku jsegwi l-qbil li ntlaħaq mal-Parlament Ewropew fit-18 ta' Novembru fi trilogi informali. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva t-test fis-26 ta' Novembru, filwaqt li l-Kumitat għall-Ambjent tal-Parlament Ewropew approvah fit-3 ta' Diċembru. L-adozzjoni formali ta' pożizzjoni komuni tal-Kunsill ser issegwi l-verifika tat-test mill-ġuristi-lingwisti fix-xhur li ġejjin.

Ara l-istqarrija għall-istampa.

Pakkett ta' ratifika dwar l-emenda ta' Doha

Il-Ministri eżaminaw il-pakkett ta' ratifika dwar l-emenda ta' Doha, propost mill-Kummissjoni f'Novembru 2013, bil-ħsieb li dan ikun jista' jiġi rratifikat u implimentat mill-aspett tekniku. Ratifika f'waqtha fl-2015 għandha żżid il-kredibbiltà tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fin-negozjati dwar il-klima tan-NU.

F'dan il-kuntest, il-Kunsill ikkonferma qbil politiku dwar:

– deċiżjoni dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-qbil bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Islanda, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tal-Islanda fit-twettiq konġunt tal-impenji tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha u l-Islanda għat-tieni perijodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima;

– deċiżjoni dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-qbil bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Islanda, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tal-Islanda fit-twettiq konġunt tal-impenji tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha u l-Islanda għat-tieni perijodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima; u

– deċiżjoni dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Emenda ta' Doha għall-Protokoll ta' Kjoto għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u t-twettiq konġunt tal-impenji pertinenti.

Dawn it-testi issa ser jgħaddu minn reviżjoni mill-ġuristi lingwisti u jintbagħtu lill-Coreper/Kunsill għall-adozzjoni u l-qbil fil-prinċipju, rispettivament, sa nofs Jannar 2015. Sussegwentement, it-testi ser jiġu trasmessi lill-Parlament Ewropew għall-kunsens tiegħu.

Fil-konferenza ta' Doha dwar it-tibdil fil-klima li saret f'Diċembru 2012, il-192 Parti għall-Protokoll ta' Kyoto adottataw din l-emenda, li tistabbilixxi li l-UE, l-Istati Membri tagħha u l-Islanda jaċċettaw impenn kwantifikat għat-tnaqqis tal-emissjonijiet li jillimita l-medja tal-emissjonijiet annwali tagħhom għal 80 % tal-emissjonijiet tagħhom f'sena bażi matul it-tieni perijodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto (mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2020). Hija tistabbilixxi wkoll is-sena 2015 bħala l-iskadenza għall-iżvilupp ta' dokument suċċessur li għandu jiġi implimentat mill-2020 'il quddiem. L-emenda ta' Doha ser tidħol fis-seħħ ladarba jkunu rratifikawha tliet kwarti mill-192 Parti. Ir-ratifika tal-Ftehim ta' Doha mill-UE u l-Istati Membri tagħha hija meħtieġa biex tgħin biex jiġi żgurat id-dħul fis-seħħ formali tiegħu bħala ftehim internazzjonali.

Għal aktar tagħrif ara l-website tan-NU.

Basktijiet tal-plastik

Il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar abbozz ta' direttiva għat-tnaqqis tal-konsum ta' basktijiet tal-plastik ħfief.

Ir-regoli l-ġodda għandhom l-għan li jillimitaw l-impatti ambjentali negattivi tal-iskart mill-basktijiet tal-plastik billi jħeġġu l-prevenzjoni tal-iskart u użu iktar effiċjenti tar-riżorsi.

Intlaħaq qbil mal-Parlament Ewropew dwar it-test waqt trilogu informali fis-17 ta' Novembru. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva il-qbil unanimament fil-21 ta' Novembru. Ser tiġi adottata pożizzjoni komuni formali fi stadju aktar tard, wara l-verifika tat-test mill-ġuristi-lingwisti.

Ara l-istqarrija għall-istampa.

Impjanti medji tal-kombustjoni

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar abbozz ta' direttiva għal-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċerti sustanzi li jniġġsu l-arja minn impjanti medji tal-kombustjoni.

Id-direttiva l-ġdida hija maħsuba biex tkopri, għall-ewwel darba, impjanti tal-kombustjoni ta' daqs medju bi dħul termali kklassifikat bejn 1 u 50 MW. Dawn l-impjanti huma sors importanti ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-kubrit, l-ossidi tan-nitroġenu u l-materja partikolata (trab). L-għan tal-proposta huwa t-titjib tal-kwalità tal-arja u s-saħħa tal-bnedmin.

L-approċċ ġenerali ser jipprovdi bażi li fuqha l-Presidenza Latvjana li jmiss tal-Kunsill ser tibda negozjati mal-Parlament Ewropew is-sena d-dieħla. Il-Kumitat għall-Ambjent tal-Parlament Ewropew huwa mistenni jivvota dwar il-proposta f'April 2015.

Ara l-istqarrija għall-istampa.

Aġenda għal wara l-2015

Il-Kunsill iddiskuta l-iżviluppi reċenti u l-passi li jmiss dwar l-aġenda għal wara l-2015, il-qafas ġdid għall-isforzi tal-komunità internazzjonali favur il-qerda tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli. Id-Direttur Eżekuttiv tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent, is-Sur Achim Steiner, għamel diskors ewlieni waqt il-laqgħa.

Il-Ministri esprimew il-fehmiet tagħhom dwar dak li hu meħtieġ fl-aġenda globali għal wara l-2015 sabiex id-dimensjoni ambjentali tal-iżvilupp sostenibbli tiġi integrata b'mod sħiħ. . Huma ssottolinjaw, b'mod partikolari, il-ħtieġa li jinżamm bilanċ bejn kull waħda mit-tliet dimensjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli: id-dimensjoni ekonomika, soċjali u ambjentali, li huma komplementari u jsaħħu lil xulxin b'mod sinerġetiku.

L-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati favur aġenda ambizzjuża, trasformattiva u inklużiva għal wara l-2015. Bħalissa għaddejjin negozjati fin-NU għat-tħejjija tal-konferenza dwar il-finanzjament għall-iżvilupp f'Lulju 2015 u s-Summit tan-NU f'Settembru 2015 dwar l-aġenda ta' żvilupp għal wara l-2015, abbażi tax-xogħol tal-Grupp ta' Ħidma Miftuħ dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. L-aktar pożizzjoni ġenerali reċenti tal-UE hija stipulata fil-konklużjonijiet tal-Kunsill adottati mill-Kunsill Affarijiet Ġenerali fis-16 ta' Diċembru (*16716/14*).

Il-Kummissjoni laqgħet il-konklużjonijiet tal-Kunsill. Hija appellat lill-UE biex titkellem b'vuċi waħda, tibqa' fuq quddiem fil-proċess ta' żvilupp sostenibbli u tressaq proposta tajba f'forma ta' mezzi ta' implimentazzjoni finanzjarji u mhux finanzjarji. Barra minn hekk, fasslet l-elementi prinċipali tal-komunikazzjoni tagħha li jmiss dwar l-isħubija globali għal wara l-2015 li ser tiġi ppreżentata fl-2015.

Affarijiet oħra

– ***Riżerva tal-istabbiltà tas-suq***

Il-Presidenza infurmat lill-Ministri dwar is-sitwazzjoni attwali dwar abbozz ta' deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-istabbiliment u t-tħaddim ta' riżerva ta' stabbiltà tas-suq għall-iskema tal-Unjoni għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra (ETS) u ħadet nota tal-kummenti magħmula mill-Kummissjoni u d-delegazzjonijiet (*16360/14*).

L-għan tal-proposta huwa li tindirizza l-iżbilanċ attwali tas-suq fl-ETS u li ttejjeb ir-reżiljenza tiegħu għal xokkijiet mhux mistennija u għal għarrieda fil-ġejjieni. Il-Kunsill Ewropew ta' Ottubru iddikjara li skema riformata għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet li taħdem sew bi strument għall-istabbilizzazzjoni tas-suq f'konformità mal-proposta tal-Kummissjoni ser tkun l-istrument Ewropew prinċipali sabiex tinkiseb l-mira ġdida tal-UE għat-tnaqqis tal-gassijiet b'effett ta' serra sal-2030.

Sar progress konsiderevoli fuq il-proposta permezz tal-identifikazzjoni u diskussjoni ffokata tal-kwistjonijiet prinċipali li ġejjin: il-bidu tal-implimentazzjoni tar-riżerva ta' stabbiltà tas-suq u l-indirizzar tal-kwoti differiti; il-kondizzjonijiet għat-tneħħija tal-kwoti mir-riżerva u r-ritorn tagħhom fis-suq; iż-żmien ta' reazzjoni tar-riżerva u l-frekwenza ta' kemm tiġi rieżaminata. Il-ħidma fuq din il-proposta ser titkompla taħt il-Presidenza Latvjana.

Il-votazzjoni tal-Kumitat għall-Ambjent tal-Parlament Ewropew se ssir fi Frar 2015.

– ***Laqgħat u avvenimenti internazzjonali reċenti ewlenin***

Il-Presidenza u l-Kummissjoni infurmaw lill-Ministri dwar l-eżitu tal-laqgħat u l-avvenimenti internazzjonali reċenti ewlenin.

L-informazzjoni inkludiet b'mod partikolari:

– is-sitt sessjoni tal-Kumitat Intergovernattiv ta' Negozjar dwar il-Merkurju (INC6) (Bangkok, 3-7 ta' Novembru 2014) (*16691/14*). Għal aktar tagħrif żur il-website.

– Il-11-il Laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċijiet Migratorji tal-Annimali Selvaġġi (CMS COP11) (Quito, 4-9 ta' Novembru 2014) (*15726/14*). Għal aktar tagħrif żur il-website.

– L-10 Laqgħa konġunta tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Vjenna għall-Ħarsien tas-Saff tal-Ożonu u s-26 Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Montreal (COP 10-MOP 26) (Pariġi, 17-21 ta' Novembru 2014) (*16215/14*). Għal aktar tagħrif żur il-website.

– It-8 Laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Ħelsinki dwar l-Effetti Transfruntieri tal-Aċċidenti Industrijali (COP8) (Ġinevra, 3-5 ta' Diċembru 2014) (*16806/14*). Għal aktar tagħrif żur il-website.

– L-20 sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u l-10 sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kjoto (COP 20-CMP 10) (Lima, 1-12 ta' Diċembru 2014). Għal aktar tagħrif żur il-website.

– ***Karta ta' Ruma dwar il-Kapitali Naturali u Kulturali***

Il-Presidenza ppreżentat il-"Karta ta' Ruma dwar il-Kapitali Naturali u Kulturali" (*16540/14*) lill-Kunsill.

Il-Karta ta' Ruma hija inizjattiva trasversali dwar l-interrelazzjonijiet u l-interazzjonijiet bejn il-Kapitali Naturali u Kulturali. Din għandha l-għan li ssaħħaħ il-politika dwar in-natura u l-bijodiversità, filwaqt li tintegraha f'politiki oħra marbutin mat-territorju u l-ekonomija. Id-Diretturi tal-UE responsabbli għan-Natura appoġġaw il-Karta fil-laqgħa informali tagħhom li saret Novembru li għadda, f'Ruma.

– ***Kwistjonijiet ewlenin fil-politika dwar is-sustanzi kimiċi fit-triq lejn ambjent mhux tossiku***

Id-delegazzjoni Awstrijaka, Belġjana, Daniża, Ġermaniża, Franċiża, dik tal-Pajjiżi l-Baxxi u dik Svediża infurmaw lill-Kunsill dwar għadd ta' kwistjonijiet ewlenin marbutin mal-politika dwar is-sustanzi kimiċi li jeħtieġ li jiġu indirizzati sabiex tinkiseb il-mira fit-tul ta' ambjent mhux tossiku. L-inizjattiva ġiet appoġġata mid-delegazzjoni Kroata u dik Lussemburgiża, sussegwentement ingħaqdu magħhom id-delegazzjoni Griega, u dik Norveġiża (*16361/14*).

Skont dawn id-delegazzjonijiet, il-kwistjonijiet ewlenin li jridu jiġu indirizzati bħala prijorità huma marbutin mat-tnaqqis kemm jista' jkun possibbli jew is-sostituzzjoni tal-użu ta' sustanzi ta' tħassib, sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali, nanomaterjali, sustanzi f'oġġetti u prodotti importati, u t-titjib tal-kwalità tar-reġistrazzjonijiet REACH.

– *Eliminazzjoni tal-mikroplastik fil-prodotti – ħtieġa urġenti*

Id-delegazzjoni Belġjana, Olandiża, Awstrijaka u dik Svediża, appoġġati mid-delegazzjoni Lussemburgiża esprimew it-tħassib tagħhom dwar il-problema tal-mikroplastik fl-ambjent u l-ħtieġa li jinstabu soluzzjonijiet adegwati għaliha (16263/14) (*16263/14*).

Huma ħeġġew lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jindirizzaw b'mod partikolari n-nuqqasijiet xjentifiċi u jqabbluhom mal-informazzjoni disponibbli minn sorsi differenti. F'dan ir-rigward, ir-rwol u l-kontribut tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għandhom jiġu vvalutati u definiti. Barra minn hekk, huma appellaw għall-projbizzjoni tal-mikroplastik fil-prodotti kożmetiċi u d-deterġenti bil-għan li jissaħħaħ ir-rwol tal-UE bħala attur ewlieni fil-qasam ta' prodotti innovattivi u ta' dak tat-tkabbir ekoloġiku filwaqt li jiġu previsti kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-industrija.

– *Tifqigħa tal-marda tal-Leġġjunarji fil-Portugall*

Id-delegazzjoni Portugiża informat lill-Kunsill dwar it-tifqigħa tal-marda tal-Leġġjunarji fil-Portugall f'Novembru li għadda li enfasizzat l-ħtieġa ta' aġġornament u reviżjoni tal-leġislazzjoni dwar is-sistemi ta' tkessiħ industrijali (*16521/14*).

– *Programm ta' ħidma tal-Presidenza Latvjana li jmiss*

Il-Presidenza Latvjana li jmiss ippreżentat il-programm ta' ħidma tagħha dwar l-ambjent għall-ewwel nofs tas-sena 2015.

Il-Presidenza Latvjana biħsiebha tiddiskuti r-rieżami tal-Istrateġija UE-2020 u l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2015 fil-Kunsill Ambjent f'Marzu 2015.

B'mod partikolari, hi ser tkompli taħdem fuq iż-żewġ proposti leġislattivi: l-abbozz ta' direttiva dwar impjanti medji tal-kombustjoni u l-abbozz ta' direttiva dwar ir-riżerva ta' stabbiltà tas-suq sabiex jintlaħaq qbil mal-Parlament Ewropew.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' kwistjonijiet internazzjonali, il-Presidenza ser taħdem fuq il-klima, l-aġenda għal wara l-2015 u l-konvenzjonijiet internazzjonali dwar sustanzi kimiċi u skart.

– ***Pakkett dwar l-iskart***

Il-Presidenza infurmat lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni attwali tal-proposta leġislattiva li temenda sitt direttivi li jindirizzaw il-ġestjoni ta' tipi differenti ta' skart (*17012/14*). Din il-proposta ġiet ippreżentata f'Lulju li għadda bħala parti mill-Pakkett għall-Ekonomija Ċirkolari, bl-għan li ttejjeb il-ġestjoni tal-iskart fl-Unjoni Ewropea, bil-ħsieb tal-protezzjoni tal-kwalità tal-ambjent u l-iżgurar tal-użu prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali.

Il-Ministri esprimew tħassib serju dwar l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tirtira din il-proposta u tissostitwixxiha b'waħda iktar ambizzjuża, kif tħabbar fis-16 ta' Diċembru matul il-preżentazzjoni tal-programm ta’ ħidma tal-Kummissjoni għall-2015, filwaqt li tennew l-importanza li tiġi żgurata t-transizzjoni lejn ekonomija ċirkolari. Il-Kunsill esprima r-rieda tiegħu li jkompli jaħdem abbażi tal-proposta attwali u talab lill-Kummissjoni biex tiċċara l-intenzjonijiet tagħha dwar il-passi li jmiss rigward il-Pakkett għall-Ekonomija Ċirkolari. Il-Kummissjoni qalet li kienet ħadet nota kif adatt tal-opinjonijiet kollha espressi mill-Ministri. Hija assigurat lill-Kunsill li ser tieħu kont tal-ħidma li diġà saret fil-proposta ġdida u aktar ambizzjuża tagħha għall-promozzjoni ta' ekonomija ċirkolari, li ser tiġi ppreżentata fl-2015.

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

AFFARIJIET BARRANIN

Ftehim Ewro-Mediterranju — Tuneżija

Il-Kunsill approva, f'isem l-UE, protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju bejn l-UE u t-Tuneżija dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tat-Tuneżija fil-programmi tal-Unjoni. Huwa approva wkoll l-iffirmar, l-applikazzjoni proviżorja u l-konklużjoni ta' dan il-protokoll.

Ftehim Ewro-Mediterranju — Alġerija

Il-Kunsill approva, f'isem l-UE, protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju bejn l-UE u l-Alġerija dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Alġerija fil-programmi tal-Unjoni. Huwa approva wkoll l-iffirmar, l-applikazzjoni proviżorja u l-konklużjoni ta' dan il-protokoll.

Ftehim Ewro-Mediterranju — Libanu

Il-Kunsill approva, f'isem l-UE, protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju bejn l-UE u l-Libanu dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Libanu fil-programmi tal-Unjoni. Huwa approva wkoll l-iffirmar, l-applikazzjoni proviżorja u l-konklużjoni ta' dan il-protokoll.

Ftehim Ewro-Mediterranju — Marokk

Il-Kunsill approva, f'isem l-UE, l-iffirmar, l-applikazzjoni proviżorja u l-konklużjoni ta' protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju bejn l-UE u l-Marokk, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tal-Kroazja mal-UE.

AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

Mekkaniżmu superviżorju uniku: Sanzjonijiet tal-BĊE

Il-Kunsill qabel dwar abbozz ta' regolament propost mill-Bank Ċentrali Ewropew li jaġġusta s-setgħat tal-Bank li jimponi sanzjonijiet fid-dawl tal-kompiti ġodda tiegħu bħala superviżur uniku għall-banek fiż-żona tal-euro.

Ir-rakkomandazzjoni tal-BĊE għal regolament tal-Kunsill tadatta l-qafas diġà stipulat fir-Regolament 2532/98 għall-finijiet tal-politika monetarja sabiex tiġi stabbilita sistema għall-impożizzjoni ta' sanzjonijiet mill-BĊE b'rabta mat-twettiq tal-kompiti superviżorji tiegħu skont il-mekkaniżmu superviżorju uniku (ir-Regolament 1024/2013).

Ir-Regolament ser jiġi adottat ladarba jiġi ffinalizzat fil-lingwi kollha.

AFFARIJIET ĠENERALI

Dazji tal-baċir fuq prodotti li ġejjin minn reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li tawtorizza lil Franza sal-31 ta' Diċembru 2020 biex tapplika eżenzjonijiet mid-dazji tal-baċir jew tnaqqis fihom għal ċerti prodotti li huma prodotti f'reġjuni ultraperiferiċi tal-Gwadelup, il-Gujana Franċiża, Martinique, Réunion u l-Majott (*15406/14*). Id-Deċiżjoni ser tapplika mill-1 ta' Lulju 2015. L-applikazzjoni tar-regoli attwali li jinsabu fid-Deċiżjoni 2004/162/KE ġiet estiża b'sitt xhur sat-30 ta' Ġunju 2015.

ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET INTERNI

Sustanzi perikolużi — terroriżmu

Il-Kunsill adotta l-Konklużjonijiet dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-użu ta' sustanzi u metodi perikolużi li bihom jitwettqu atti ta' terroriżmu (*16326/14*).

Glossarju ta' Terminoloġija tal-Armi tan-Nar

Il-Kunsill adotta l-Konklużjonijiet dwar il-Glossarju tat-Terminoloġija tal-Armi tan-Nar għall-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi (*15631/14*).

Rapport finali dwar is-6 sessjoni ta' evalwazzjonijiet reċiproċi

Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport final dwar is-sitt serje ta' evalwazzjonijiet reċiproċi - "L-implimentazzjoni u t-tħaddim fil-prattika tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI tat-28 ta' Frar 2002 li tistabbilixxi Eurojust bil-għan li tiġi msaħħa l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/976/ĠAI dwar in-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'materji kriminali". (*14536/2/14 REV 2*).

Is-sessjonijiet ta' evalwazzjonijiet reċiproċi huma mekkaniżmu ta' evalwazzjoni tal-applikazzjoni u l-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali tal-impriżi internazzjonali fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata.

POLITIKA TA' SIGURTÀ U TA' DIFIŻA KOMUNI

EUPOL Afghanistan

Il-Kunsill estenda l-mandat tal-missjoni tal-pulizija tal-UE fl-Afganistan (EUPOL AFGHANISTAN) sal-31 ta' Diċembru 2016. Fl-istess ħin, huwa alloka baġit ta' EUR 58.5 miljun għall-perijodu mill-1 ta Jannar 2015 sa tmiem l-2016. Għal aktar dettalji, ara l-istqarrija għall-istampa.

Aġenzija Ewropea għad-Difiża - Baġit 2015

Il-Kunsill adotta l-baġit tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża għall-2015. Dan jammonta għal EUR 30.5 miljun.

KUMMERĊ

Relazzjonijiet kummerċjali mal-Kenya

Il-Kunsill ma qajjem l-ebda oġġezzjoni għal att delegat tal-Kummissjoni li jipproponi li l-Kenja tiżdied mal-lista ta' pajjiżi li jibbenefikaw minn l-hekk imsejjaħ regolament dwar l-aċċess għas-suq, skema unilaterali temporanja qabel il-konklużjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehimiet riveduti ta' Sħubija Ekonomika.

UNJONI DOGANALI

Servizzi doganali elettroniċi

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet li japprovaw id-Dikjarazzjoni ta' Venezja tal-15 ta' Ottubru 2014 dwar is-servizzi doganali elettroniċi u l-implimentazzjoni ta' interface uniku fl-UE, u li jappellaw lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jimplimentawha.

Dawn jappellaw ukoll għal qbil, sal-2015, dwar pjan ta' azzjoni u pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni ta' ambjent ta' interface uniku għad-dwana.

Barra minn hekk, il-konklużjonijiet jistiednu lill-Kummissjoni tippreżenta proposta bil-ħsieb tar-reviżjoni tad-Deċiżjoni dwar is-servizzi doganali elettroniċi.

It-test tal-konklużjonijiet jinsab fid-dokument *16507/14*.

Ara wkoll l-*inizjattiva_tas-servizzi_doganali_elettroniċi*.

SUQ INTERN

eCall: sistema ta' sejħa ta' emerġenza f'inċidenti tat-traffiku

Il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar ir-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-immuntar ta' tagħmir eCall f'vetturi ġodda bil-mutur. Is-sistema eCall għall-UE kollha hija maħsuba biex tħaffef is-servizzi ta' emerġenza f'inċidenti tat-triq (*16345/14*).

Il-qbil, li jsegwi qbil proviżorju li ntlaħaq bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew fil-1 ta' Diċembru 2014, għandu l-għan li jnaqqas in-numru ta' korrimenti u mwiet f'inċidenti tat-traffiku fl-Unjoni.

Mill-31 ta' Marzu 2018 'il quddiem, fil-vetturi l-ġodda ser ikun meħtieġ li jiġi installat tagħmir mingħajr fili għall-attivazzjoni ta' sinjal ta' periklu lin-numru 112 tas-sejħa għall-emerġenza.

Għal aktar tagħrif ara l-istqarrija għall-istampa: eCall: sistema ta' sejħa ta' emerġenza f'inċidenti tat-traffiku.

Tagħmir tal-gass

Il-Kunsill qabel dwar approċċ ġenerali għal aġġornament tar-rekwiżiti tas-sikurezza ta' tagħmir li juża l-gass (16789/1/14).

L-approċċ ġenerali jippermetti t-tnedija ta' negozjati mal-Parlament Ewropew bil-ħsieb li jiġi adottat ir-regolament il-ġdid.

L-objettiv ta' dan ir-regolament huwa li jiżgura li t-tagħmir tal-gass u l-apparat immuntat miegħu jissodisfaw rekwiżiti armonizzati li jipprevedu livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà ta' persuni, annimali domestiċi jew proprjetà u użu razzjonali tal-enerġija.

Tagħmir tal-gass tipiku jinkludi bojlers, kukers tal-gass/fran/barbikjus u apparat ta' tisħin ta' barra (patio heaters).

Ir-regolament il-ġdid ser jaġġorna r-regoli attwali taħt id-Direttiva rigward Tagħmir li juża l-Gass (2009/142/KE). Dawn japplikaw għal tagħmir li jitqiegħed fis-suq tal-UE u/jew fis-servizz għall-ewwel darba.

Ir-regoli l-ġodda huma maħsuba wkoll biex tittejjeb is-sorveljanza tas-suq minn awtoritajiet pubbliċi mingħajr ma jiġu imposti piżijiet u spejjeż bla bżonn fuq l-industrija.

<u>ĦATRIET</u>

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Il-Kunsill ħatar lis-Sur Gerhard HANDKE (Ġermanja) bħala membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-20 ta' Settembru 2015 (*13883/14*).